

Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8658/21

EDUC 161
RECH 207
COMPET 343

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7963/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej - Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej - Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tas-17 u t-18 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej - Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-isfond politiku ta' din il-kwistjoni kif spjegat fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet,

FILWAQT LI JENFASIZZA LI:

1. il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 appellaw lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea biex javvanzaw il-ħidma dwar it-tisħiħ ta' sħubiji strateġiċi bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-UE u t-tħeġġiġ tal-ħolqien sal-2024 ta' madwar għoxrin "Università Ewropea", li jkunu jikkonsistu f'networks axxendenti ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-UE li ser jippermettu li l-istudenti jiksibu lawrja billi jikkombinaw l-istudji f'diversi pajjiżi tal-UE u jikkontribwixxu għall-kompetittività internazzjonali tal-universitajiet Ewropej,
2. fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew appella għal kooperazzjoni bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni, inkluż permezz tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej,
3. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-mixja lejn viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ŻEE) irrikonoxxew ukoll ir-rwol ewlieni li l-"Universitajiet Ewropej" jista' jkollhom fil-ħolqien ta' ŻEE fl-intier tagħha,

4. ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-ŻEE biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur approvat l-iżvilupp ulterjuri tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, peress li dan jista' jkun pass radikali 'l quddiem fil-kooperazzjoni tranżistituzzjonali billi jiġu offruti diversi viżjonijiet, mudelli u temi ta' ispirazzjoni għall-interazzjoni biex jiġi appoġġat l-iżvilupp futur taż-ŻEE f'konformità mal-ħtiġijiet tas-soċjetà li qed jinbidlu,
5. fl-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni konġunt li qatt sar fit-8 ta' Novembru 2019, il-ministri tal-finanzi u l-edukazzjoni enfasizzaw il-ħtieġa li jiżdied l-investiment effettiv u effiċjenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħiliet u l-kompetenzi, f'termini ta' kwalità, kwantità, inklużività u ekwità¹,
6. ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew ukoll irrikonoxxiet li l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa l-aktar investiment b'saħħtu li jista' jsir fin-nies u fil-futur u għarfet r-redditi soċjali u ekonomiċi tiegħu għall-individwi, għal min iħaddem u għas-soċjetà fl-intier tagħha,
7. fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2020, l-"Universitajiet Ewropej" huma previsti bħala li jistabbilixxu standards għat-trasformazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar iż-ŻEE u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), biex b'hekk l-apprendiment tul il-ħajja u ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti jsiru wkoll realtà. Dan ser jinkiseb, b'mod partikolari, fi ħdan it-tnedija sħiħa tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej taħt il-programm Erasmus+ 2021-2027 u Orizzont Ewropa, kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' Qafas Ewropew ta' Kompetenza għar-riċerkaturi.

¹ Kif enfasizzat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew: niżguraw dibattiti infurmati dwar ir-riformi u l-investimenti, disponibbli fuq: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32020G0227\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32020G0227(01))

8. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar iż-ŻER il-Ġdida, il-Kunsill enfasizza l-hteġa għal sinerġiji u interkonnessjonijiet aktar b'saħħithom bejn iż-ŻER u l-elementi taż-ŻEE li huma relatati mal-edukazzjoni għolja, u identifika t-trasformazzjonijiet istituzzjonali, il-karrieri fir-riċerka, l-edukazzjoni fix-xjenza, it-taħriġ, il-kooperazzjoni internazzjonali u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien bħala oqsma possibbli ta' kooperazzjoni aktar determinata, kif ukoll appoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-alleanzi universitarji Ewropej bħala eżempju ewlieni għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja moderni u inklużivi tal-futur fl-Ewropa,
9. fil-komunikat ta' Ruma 2020 adottat fid-19 ta' Novembru 2020 fil-konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA), il-ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja ddikjaraw li l-alleanzi fformati taħt l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej huma mod importanti wieħed kif tiġi esplorata kooperazzjoni sistemika aktar profonda u fuq skala akbar, li tista' tkun ta' għajjnuna biex jiġu identifikati u meġhla l-ostakoli għal kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar mill-qrib mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-futur,
10. ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-ŻEE u lil hinn (2021-2030) stabbiliet it-tisħiħ tal-edukazzjoni għolja Ewropea bħala r-raba' prijorità strateġika tagħha, filwaqt li rrikonoxxiet li matul id-deċennju li jmiss, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ser jiġu mħeġġa jsibu forom ġodda ta' kooperazzjoni aktar profonda, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' alleanzi tranżnazzjonali, inkluż permezz tat-tnedija sħiħa tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.
11. SPAZJU RIŻERVAT: fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' xx ta' Mejju 2021 dwar "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: L-approfondiment taż-ŻER b'mod li tipprovdi lir-riċerkaturi b'karrieri fir-riċerka u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli":

KONXJU LI:

12. Il-politiki tal-edukazzjoni għolja jiġu deċiżi fil-livell tal-Istati Membri individwali, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
13. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma awtonomi. Il-libertà akkademika u xjentifika hija prinċipju ċentrali tal-missjoni u l-attivitajiet tagħhom.²
14. L-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja huma għanjin fid-diversità f'termini tal-istorja, l-istrutturi organizzazzjonali, l-oqsma ta' studju u r-reġjuni li jinsabu fihom u li huma marbuta magħhom.
15. L-"Universitajiet Ewropej" għadhom fl-istadji bikrija tagħhom u għad hemm bżonn ta' aktar evalwazzjonijiet u ta' informazzjoni bbażati fuq l-evidenza fir-rigward tal-41 proġett pilota magħżula u l-eżiti tagħhom biex ikunu jistgħu jiġu appoġġati politiki koerenti u li jħarsu 'l quddiem.
16. L-"Universitajiet Ewropej" huma miftuħa għal sħab minn kull tip ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, b'mod li joħolqu rabtiet bejn sħab akkademiċi u mhux akkademiċi u s-suq tax-xogħol, filwaqt li ġeneralment ikopru kooperazzjoni diversa b'ambitu ġeografiku wiesa' madwar l-Ewropa.
17. L-"Universitajiet Ewropej" ser jikkontribwixxu b'mod deċiżiv lejn il-kisba tal-viżjoni ambizzjuża ta' ŻEE u ŻER innovattivi, globalment kompetittivi u attraenti, f'sinerġija sħiħa mal-EHEA, billi jgħinu biex tingħata spinta lid-dimensjoni tal-eċċellenza tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużività u l-ekwità, filwaqt li jagħtu lok għal kooperazzjoni tranżnazzjonali bla xkiel u ambizzjuża bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, u jspiraw it-trasformazzjoni tal-edukazzjoni għolja.

² Kif issottolinjat fid-Dikjarazzjoni dwar il-Libertà Akkademika annessa mal-Komunikat ta' Ruma adottata fid-19 ta' Novembru 2020 fil-Konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, kif ukoll fid-dikjarazzjoni ta' Bonn tal-20 ta' Ottubru 2020.

18. L-"Universitajiet Ewropej" għandhom il-potenzjal li jkunu strumentali fl-adattament tal-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka għall-era diġitali, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027), iż-ŻEE u ż-ŻER, billi jiżviluppaw kampusijiet interuniversitarji Ewropej. Din l-inizjattiva ser tagħti spinta lis-sinerġiji bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, billi timplimenta mudelli innovattivi ta' apprendiment u taġlim diġitali, permezz ta' prattiki ta' Xjenza Miftuħa, Edukazzjoni Miftuħa u Data Miftuħa³,

JINNOTA LI:

19. Wara żewġ sejħiet għal proposti tal-Erasmus+ ikkomplementati mill-appoġġ ta' Orizzont 2020, 41 alleanza pilota "Universitajiet Ewropej" li jinvolvu aktar minn 280 istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, li jkopru 5 % tal-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa, u bil-potenzjal li jinvolvu 20 % tal-istudenti Ewropej, issa qed jaħdmu lejn il-viżjoni kondiviża taġhom u l-bidla istituzzjonali, bil-għan li jkun hemm impatt strutturali, sistemiku u sostenibbli fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u s-servizz għas-soċjetà.

³ Ix-Xjenza Miftuħa hija bidla fis-sistema li tagħti lok għal xjenza aħjar permezz ta' modi miftuħa u kollaborattivi ta' produzzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien u d-data, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess tar-riċerka, u għall-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżultati https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/research_and_innovation/knowledge_publications_tools_and_data/documents/ec_rtd_factsheet-open-science_2019.pdf

L-edukazzjoni miftuħa hija metodu ta' edukazzjoni, ta' spiss bl-użu tat-teknoloġiji diġitali. L-għan tagħha huwa li jitwessgħu l-aċċess u l-parteċipazzjoni għal kulħadd billi jitneħħew l-ostakli u l-apprendiment isir aċċessibbli, abbondanti u personalizzat għal kulħadd. Hija toffri diversi modi kif wieħed jgħalliem u jitgħalliem, jibni u jikkondividi l-għarfien. Tipprovdi wkoll varjetà ta' rotot ta' aċċess għall-edukazzjoni formali u mhux formali, u jgħaqqad it-tnejn (Niftħu l-Edukazzjoni: Qafas ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja, 2016).

Id-data miftuħa bħala kunċett hija ġeneralment mifhuma li tfisser data f'format miftuħ li tista' tintuża, terġa' tintuża u tiġi kondiviża b'mod liberu minn kulħadd għal kwalunkwe għan. (Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku).

20. L-ewwel żewġ sejħiet ppruvaw jiksbu l-bilanċ ġust bejn il-kwalità u l-eċċellenza, minn naħa waħda, u kopertura ġeografika inklużiva u ekwa min-naħa l-oħra, b'mod li tiġi appoġġati l-edukazzjoni innovattiva, it-trasferiment tal-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-inizjattiva, bħall-koeżjoni u l-kompetittività Ewropej, u fl-istess ħin jiġu promossi l-valuri Ewropej u t-tiżiħ tal-identità Ewropea.
21. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja wrew li huma reżiljenti fil-ġestjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, iżda l-pandemija kixfet ukoll dgħufijiet fir-rigward tal-aċċess ekwu u l-appoġġ għall-istudenti, għall-persunal u għar-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet u b'inqas kompetenzi diġitali, kif ukoll riċerkaturi mobbli f'karriera bikrija. Stharriġ⁴ wera li l-membri tal-ewwel 17-il "Università Ewropea" ħassew li l-fatt li kienu f'alleanza għenhom biex jinnavigaw il-kriżi u x'aktarx ser jgħinhom jirkupraw aktar malajr billi jiġbru r-riżorsi u l-qawwiet tagħhom flimkien.
22. Is-swieq tax-xogħol Ewropej qed jinbidlu b'mod rapidu, minħabba l-iżvilupp teknoloġiku, it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u r-ristrutturar tal-ekonomija, iżda influwenzati wkoll mill-pandemija tal-COVID-19. Opportunitajiet u formati ta' apprendiment flessibbli huma meħtieġa fl-istadji kollha tal-ħajja u fid-dixxiplini u s-setturi kollha. Dan jirrappreżenta opportunità għall-istituti tal-edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw kurrikuli innovattivi, programmi ta' studju kif ukoll dispożizzjonijiet ta' taġlim flessibbli u perkorsi ta' taġlim alternattivi, sabiex itejbu l-kwalità, l-inklużjoni, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni għolja, u wkoll biex jiżviluppaw aġendi tal-edukazzjoni u r-riċerka li jwieġbu għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u għall-isfidi soċjoekonomiċi ewlenin, filwaqt li jibqgħu impenjati għall-eċċellenza.

⁴ Stħarriġ tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-Universitajiet Ewropej. Disponibbli fuq:
https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/coronavirus-european-universities-initiative-impact-survey-results_en

23. L-"Universitajiet Ewropej" għandhom il-potenzjal li jrawmu l-intraprenditorija u l-ħiliet trażversali u li jalimentaw l-innovazzjoni permezz ta' fluss ta' talenti kreattivi biex jappoġġaw l-istabbiliment u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs fl-Ewropa, b'mod partikolari billi jistabbilixxu u jsaħħu t-trasferiment tat-teknoloġija, jew jikkondividu l-kapaċità tat-trasferiment tal-ġarfien u t-teknoloġija, u b'hekk potenzjalment jappoġġaw l-iżvilupp ta' kunċetti ġodda emerġenti li x'aktarx iwasslu għal skoperti rivoluzzjonarji jew innovazzjonijiet kreattivi fis-suq.
24. L-"Universitajiet Ewropej" qed jiżviluppaw approċċi bbażati fuq l-isfidi għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni kondiviżi biex itejbu l-massa kritika interdixxiplinari; huma qed jikkondividu l-kapaċità u jiġbru flimkien ir-riżorsi, isaħħu l-attraenza tal-karrieri akkademiċi u tar-riċerka, jappoġġaw il-bidla istituzzjonali, pereżempju, permezz ta' pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-atturi tal-ekosistema tal-madwar; huma qed jaħdmu lejn xjenza miftuħa u edukazzjoni miftuħa, jinvolvu liċ-ċittadini fi djalogu biex isolvu l-isfidi tas-soċjetà u jsaħħu l-eċċellenza fl-edukazzjoni u r-riċerka għall-kompetittività globali.

JILQA':

25. Il-fatt li bosta membri tal-komunità Ewropea tal-edukazzjoni għolja u bosta mill-partijiet ikkonċernati tagħha kellhom reazzjoni pożittiva għall-inizjattiva u b'hekk iffaċilitaw il-progress li diġà sar.
26. It-tnedija sħiħa tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej taħt il-programm Erasmus+ 2021-2027 u Orizzont Ewropa u s-sinerġiji previsti ma' programmi oħra, bħala parti mill-iżvilupp ta' strateġiji sostenibbli ġodda konġunti u integrati fit-tul dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-servizz għas-soċjetà, li jsaħħu l-kwadru tal-gharfien⁵.
27. L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej tipprova tikseb kwalità aħjar u livell ambizzjuż ta' kooperazzjoni estiża bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa, filwaqt li tisfrutta s-sinerġiji ma', pereżempju, il-Lawrji ta' Masters Konġunt tal-Erasmus Mundus, is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni u l-Alleanzi għall-Innovazzjoni tal-Programm Erasmus+, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (KIC-EIT), il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie (MSCA) ta' Orizzont Ewropa jew l-isħubiji strateġiċi fi ħdan il-programmi nazzjonali, reġjonali u Ewropej, u mudelli ta' kooperazzjoni ta' suċċess eżistenti oħra.

⁵ Kunċett mifhum bħala l-għaqda ta' erba' dominji ewlenin: l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, u s-servizz għas-soċjetà, - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0625&rid=4>

JIRRIKONOXXI LI:

28. L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej għandha l-għan li tikkontribwixxi għal Ewropa aktar magħquda, innovattiva, diġitali, konnessa u ekoloġika, li tkun miftuħa għall-bqija tad-dinja billi żżid ir-reżiljenza, l-eċċellenza, l-inklużività ġeografika u soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-attrazzjoni, u l-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Ewropej.
29. L-"Universitajiet Ewropej" għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali permezz ta' strateġiji interistituzzjonali li jikkombinaw l-apprendiment u t-tagħlim, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien fl-ekonomija u s-soċjetà, u jikkontribwixxu għall-bidla fil-politika u fis-soċjetà.
30. L-"Universitajiet Ewropej" jistgħu jkunu aċċelleraturi importanti għat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni tal-metodi ta' apprendiment u tagħlim. Huma wkoll pjattaformi importanti għall-iżvilupp ulterjuri tad-dimensjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jeħtieġ joffru apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka u jiffavorixxu karrieri flessibbli u attraenti fit-tul fir-riċerka u t-tagħlim.
31. F'konformità mal-viżjoni għal ŻEE u l-kisba tagħha sal-2025, iż-ŻER, u b'kont meħud tal-komunikat ministerjali ta' Ruma, l-"Universitajiet Ewropej" għandhom - b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri u b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, tal-awtonomija istituzzjonali, il-libertà akkademika u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-edukazzjoni għolja tal-Istati Membri - jiġu ggwidati biex:

- a) Jippromwovu viżjoni Ewropea komuni, inkluż valuri akkademiċi fundamentali li jikkontribwixxu għal identità Ewropea msaħħa għall-istudenti, l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-persunal kollha, biex b'hekk jiġu mġammra bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex imexxu t-trasformazzjoni lejn Ewropa aktar sostenibbli, reżiljenti u inklużiva, biex jikkooperaw u joħolqu flimkien l-għarfien fi ħdan kulturi Ewropej u globali differenti, f'lingwi differenti, bejn il-fruntieri, is-setturi u d-dixxiplini akkademiċi.
- b) Jistabbilixxu kampusijiet interuniversitarji Ewropej, ibbażati fuq l-inklużjoni, l-ekwità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eċċellenza fl-apprendiment, it-tagħlim, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopru firxa ġeografika wiesgħa madwar il-partijiet kollha tal-Ewropa.
- c) Jikkontribwixxu għal strateġiji komuni u integrati fit-tul fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll fir-rigward tas-servizz għas-soċjetà, sabiex tingħata spinta lill-kwalità, l-attrazzjoni, il-kompetittività u r-rilevanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Ewropej u biex jissaħħaħ il-kwadru tal-għarfien. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiġbru flimkien riżorsi online u fiżiċi, korsijiet, għarfien espert, persunal, data u infrastruttura biex jisfruttaw il-punti b'saħħithom tagħhom u jsiru aktar reżiljenti.
- d) Jesploraw modi ġodda u attraenti għar-reklutaġġ, l-ippremjar, il-valutazzjoni u l-professjonalizzazzjoni tal-għalliema, il-persunal u r-riċerkaturi, filwaqt li jaħdmu lejn rikonoxximent u bilanċ aħjar bejn il-kisbiet edukattivi, tar-riċerka, maniġerjali u intraprenditorjali biex b'hekk irawmu l-aħjar prattiki għar-reklutaġġ u l-iżvilupp tal-karriera, filwaqt li jirrispettaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u jiżviluppaw apprezzament u valutazzjoni mġedda tal-prestazzjoni.

- e) Jistabbilixxu alleanzi dejjem aktar b'saħħithom billi jesploraw il-fattibbiltà ta' reġistrazzjoni konġunta ta' studenti u reklutaġġ konġunt ta' akkademiċi u riċerkaturi, fi ħdan is-sistemi nazzjonali differenti, biex jagħmlu l-karrieri tagħhom fl-edukazzjoni u fir-riċerka aktar attraenti, sostenibbli u flessibbli fi ħdan l-alleanzi.
- f) Jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà u l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet fl-Ewropa billi jaħdmu fi sħubija u jibnu timijiet Ewropej ta' ħolqien ta' għarfien, transdixxiplinari u tranżnazzjonali ta' studenti u akkademiċi, flimkien ma' riċerkaturi, u daww mill-komunitajiet tan-negozju u l-innovazzjoni kif ukoll minn komunitajiet oħra. F'kooperazzjoni mal-ekosistemi tal-innovazzjoni ta' madwarhom, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jħejju lill-istudenti, l-gradwati u r-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera tagħhom biex jimmassimizzaw l-impjegabbiltà tagħhom u biex jieħdu l-opportunitajiet offruti u jsiru aġenti tal-bidla għat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali doppji, kif ukoll biex iwessgħu u jsaħħu l-programmi ta' taħriġ dottorali u postdottorali lil hinn mit-taħriġ akkademiku biex jinkludu ħiliet trażversali ta' valur għal setturi oħra, fejn xieraq.
- g) Jimxu lejn l-integrazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fil-livelli u d-dixxiplini kollha, xprunata mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jippromwovu approċċ STEAM⁶ u jagħmlu l-oqsma STEM u l-karrieri akkademiċi u ta' riċerka aktar attraenti, inkluż għan-nisa.

⁶ STEAM: Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Arti u Matematika. L-approċċ STEAM fir-rigward tal-apprendiment u t-tagħlim jgħid li rabta bejn l-oqsma oħra ta' studju STEM u oħrajn. Huwa jippromwovi ħiliet trażversali bħall-kompetenzi diġitali, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, ħiliet ta' ġestjoni u intraprenditorjali kif ukoll kooperazzjoni ma' sħab mhux akkademiċi u jirreaġixxi għall-isfidi ekonomiċi, ambjentali, politiċi u soċjali. STEAM iħeġġeġ it-taħlit tal-għarfien li huwa meħtieġ fid-dinja reali u l-kurżità naturali. Definizzjoni mill-Attività ta' Apprendiment bejn il-Pari dwar l-edukazzjoni STEAM, Vjenna, Marzu 2020 (<https://ec.europa.eu/education/sites/default/files/document-library-docs/et-2020-newsletter-may-2020.pdf>). (Ara wkoll il-paġna 20 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea COM (2020) 625.

- h) jinkorporaw forom imħallta ta' mobilità, jiġifieri fiżika – li trid tibqa' l-format ewlieni - , imħallta⁷ u/jew virtwali⁸ fil-kurrikuli, sabiex tiżdied il-mobilità għall-istudenti u l-gradwati fil-livelli kollha u biex l-internazzjonalizzazzjoni fl-ambjent domestiku issir realtà f'konformità mal-istandards ta' kwalità fl-Ewropa u fl-Istati Membri⁹.
- i) Jagħmlu l-apprendiment tul il-ħajja realtà fl-edukazzjoni għolja, billi joffru opportunitajiet edukattivi differenti u jintroduċu pedagoġiji innovattivi u ċċentrati fuq l-istudent, imwassla b'mod konġunt fil-kampusijiet interuniversitarji Ewropej kollha, fejn korp studentesk varjat jista' jibni mogħdijiet ta' apprendiment flessibbli fil-livelli kollha tal-istudju u l-karriera tagħhom. Għalkemm ma jiddevjawx mill-prinċipju ewlieni ta' programmi ta' lawrja sħiħa u lanqas ma jdgħajfuh, il-mikrokredenzjali¹⁰ jistgħu jgħinu jwessgħu l-opportunitajiet ta' apprendiment biex jakkomodaw studenti mhux tradizzjonali u d-domanda għal ħiliet ġodda fis-suq tax-xogħol; Jagħmlu l-esperjenza ta' apprendiment aktar flessibbli u modulari; Jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni għolja; u jinvolvu lill-istudenti, irrISPettivament mill-kwalifiki preċedenti jew mill-kuntest tagħhom, filwaqt li jippromwovu opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet u jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità.
- j) Jippromwovu esperjenza Prattika u/jew ibbażata fuq ix-xogħol appoġġata minn mentoraġġ estern biex titrawwem mentalità intraprenditorjali u tiġi żviluppata l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini.
- k) Jipprovaw jiks bu mobilità bbilanċjata tal-istudenti, il-mobilità tal-persunal u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, fi ħdan l-alleanzi.

⁷ Taħlita ta' mobilità fiżika u komponent virtwali li tiffaċilita l- apprendiment kollaborattiv online abbażi ta' skambju u l-ħidma f'tim. Il-Kummissjoni Ewropea. Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ (l-ewwel verżjoni tal-25/03/2021), disponibbli fuq:

https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/programme-guide_en

⁸ Il-Mobilità Virtwali hija sett ta' attivitajiet appoġġati mit-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni, inkluż e-Apprendiment, li jirrealizzaw jew jiffaċilitaw esperjenzi kollaborattivi internazzjonali f'kuntest ta' taġħlim, taħriġ jew apprendiment. Il-Kummissjoni Ewropea. Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ (l-ewwel verżjoni tal-25/03/2021), disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/programme-guide_en

⁹ B'mod partikolari l-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità.

¹⁰ Il-mikrokredenzjali hija evidenza tal-eżiti tal-apprendiment li student ikun kiseb wara esperjenza ta' apprendiment qasira. (Definizzjoni proviżorja mir-Rapport finali tal-grupp ta' konsultazzjoni ad hoc ma' esperti dwar l-edukazzjoni għolja: Approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali - kontribut tal-grupp ta' konsultazzjoni dwar il-mikrokredenzjali fl-edukazzjoni għolja - <https://ec.europa.eu/education/sites/default/files/document-library-docs/european-approach-micro-credentials-higher-education-consultation-group-output-final-report.pdf>).

- l) Joħolqu ambjenti ta' apprendiment ġodda, aktar inklużivi u innovattivi li jilħqu lill-istudenti kollha inkluż student i żvantaġġati u mhux tradizzjonali, u jikkontribwixxu għat-tiħih tal-kwalità u d-dimensjoni soċjali tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja Ewropej.
- m) Jikkontribwixxu għat-tiħih tad-dimensjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa billi jiżviluppaw aġenda komuni, infrastrutturi u riżorsi kondiviżi, filwaqt li jrawmu l-massa kritika, issaħħu il-kapital uman u jinvolvu atturi mhux akkademiċi fit-tagħlim u r-riċerka, b'konnessjoni mal-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-madwar, maċ-ċittadini u s-soċjetà.
- n) Irawmu "Universitajiet Ewropej" bħala "laboratorji esperimentali" għal tagħlim innovattiv u għar-riċerka, inkluż valutazzjoni tal-karriera akkademika u sistemi ta' premjazzjoni li jqisu fost l-oħrajn il-prattiki tax-xjenza miftuħa, il-kwalità tat-tagħlim, it-trasferiment tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni; it-titjib fis-sistemi ta' traċċar taż-żamma fil-kariga u ġestjoni u diversifikazzjoni msaħħa tal-karriera; u l-adozzjoni ta' prinċipji u Prattiki tax-xjenza miftuħa, inkluż il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa u l-infrastrutturi tal-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tad-data, kif ukoll kollaborazzjoni miftuħa.
- o) Jippromwovu l-approvazzjoni tal-"Karta Ewropea għar-Riċerkaturi" u l-"Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi"¹¹, u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tagħhom, inkluż l-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R) u EURAXESS, [SPAZJU RIŻERVAT u l-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER futura rispettivament] li għandhom l-għan li jrawmu Prattiki Ewropej għall-iżvilupp tal-karrieri fir-riċerka, applikati għal diversi perkorsi tal-karriera.

¹¹ 2005/251/KE.

- p) Iħeġġu l-użu sħiħ tal-kapaċità eċċellenti ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE fis-setturi tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka, filwaqt li jappoġġaw lir-riċerkaturi Ewropej b'ħiliet għolja u kompetittivi, l-eċċellenza akbar fir-riċerka u t-trasferiment imtejjeb tal-ġharfien u l-kapaċità tal-innovazzjoni fl-Ewropa, permezz ta' rabtiet aktar mill-qrib ma' Orizzont Ewropa, u l-operabbiltà tal-karriera bejn il-fruntieri, id-dixxiplini u s-setturi.
- q) Jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ostakli għall-użu sħiħ tal-potenzjal tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej u, sa fejn possibbli, jipproponu soluzzjonijiet, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-sistema sħiħa tal-edukazzjoni għolja, li għandhom jittieħdu fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet legalment responsabbli.
- r) Jaġixxu bħala mudelli eżemplari għat-trasformazzjoni tal-edukazzjoni għolja Ewropea, għal implimentazzjoni ulterjuri tal-impenji ewlenin ta' Bolonja, inkluż ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u l-perijodi ta' mobilità barra mill-pajjiż, u bħala pont bejn iż-ŻEE u ż-ŻER, f'sinerġija sħiħa mal-EHEA.
- s) Jikkontribwixxu biex tiżdied l-eċċellenza fir-riċerka u l-kwalità fl-edukazzjoni, inkluż fil-kuntest internazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja fit-tellieqa globali għat-talenti, inkluż permezz tal-internazzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-kooperazzjoni biex jissolvew l-isfidi globali, il-promozzjoni tal-valuri akkademiċi fundamentali, kif ukoll il-valuri Ewropej komuni, il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-interferenza barranija, ir-riforma tas-sistemi u l-karrieri tal-valutazzjoni tar-riċerka u l-protezzjoni tas-sejbiet tar-riċerka u l-assi intellettuali f'konformità mal-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tad-data miftuħa fil-livell tal-UE.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'RISPETT SĦIĦ GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETA, L-AWTONOMIJA ISTITUZZJONALI, IL-LIBERTA AKKADEMIKA U F'KONFORMITA MAC-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX:

32. Jużaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-mekkaniżmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-UE kollha disponibbli, inkluż l-opportunitajiet ġodda taħt il-Faċilita għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont Ewropa, u InvestEU, għat-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex jappoġġaw l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.
33. Jippruvaw isibu - fejn possibbli - mekkaniżmi ta' kofinanzjament għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti fl-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, abbażi tal-finanzjament bażiku u bbażat fuq il-prestazzjoni tagħhom jew programmi ta' finanzjament speċifiċi, jew fondi strateġiċi.
34. Jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal reġjuni b'intensità aktar baxxa ta' riċerka u innovazzjoni, u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll id-disparitajiet reġjonali fl-aċċess għall-edukazzjoni għolja, issaħħu l-eċċellenza u jrawmu parteċipazzjoni aktar bilanċjata tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja anke f'alleanzi futuri.
35. Jaħdmu flimkien fil-livell internazzjonali, nazzjonali u reġjonali, kif ukoll bejn il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet, biex jidentifikaw u jneħħu, fejn meħtieġ, l-ostakli għal sistemi tal-edukazzjoni għolja aktar kompatibbli u alleanzi strateġiċi aktar mill-qrib tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jibnu fuq il-ħidma estensiva li diġà ġiet żviluppata permezz taż-ŻEE, l-EHEA u ż-ŻER.

36. Jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri ta' appoġġ bħall-Inizjattiva għall-Kard Ewropea tal-Istudenti, ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku¹² tal-kwalifiki u tal-perijodi ta' mobilità fi ħdan il-programmi ta' studju u ta' taħriġ, inkluż permezz ta' mezzi diġitali, sabiex jitneħħew l-ostakli għall-mobilità u l-iżvilupp tal-karriera.
37. Jidentifikaw u jneħħu, fejn meħtieġ, ostakli għal approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti, billi jsaħħu r-rabtiet u l-proċeduri istituzzjonali bejn l-aġenziji ta' evalwazzjoni, akkreditazzjoni u assicurazzjoni tal-kwalità rreġistrati fuq EQAR, biex isibu modalitajiet ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku, kif ukoll billi jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' assicurazzjoni tal-kwalità u jħeġġu evalwazzjoni u akkreditazzjoni konġunti tal-programmi ta' studju.
38. Jiddefendu u jippromwovu l-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali bħala prinċipju ċentrali ta' sistema ta' edukazzjoni għolja dinamika, ibbażata fuq il-kwalità u li tiffunzjona sewwa, f'konformità mal-impenji meħuda mill-Ministri responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja tal-EHEA u l-Ministri għar-Riċerka¹³.

¹² F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1., u f'konformità mal-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent.

¹³ Id-Dikjarazzjoni dwar il-Libertà Akkademika annessa mal-Komunikat ta' Ruma adottata fid-19 ta' Novembru 2020 fil-Konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn tal-20 ta' Ottubru 2020.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KUNSIDERAZZJONI SĦIĦA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

39. Ikomplu jrawmu l-istabbiliment ta' mudelli ta' alleanzi eċċellenti, flessibbli, varjati, ġeneralment ġeografikament ibbilanċjati u sostenibbli, marbuta ma' ekosistemi lokali u reġjonali, filwaqt li jħeġġu l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kreattività, u l-iżvilupp ta' prattiki tajba għall-kooperazzjoni li jistgħu jkunu mudelli eżemplari ta' ispirazzjoni għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja oħra, bil-għan li jkun hemm mobilità bilanċjata bla xkiel tal-istudenti, il-mobilità tal-għalliema u tal-persunal u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, kif ukoll reklutaġġ miftuħ u kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-karriera aktar attraenti għar-riċerkaturi u l-persunal.
40. Jiżguraw espansjoni, fost oħrajn, billi jgħinu lill-"Universitajiet Ewropej" jikkondividu l-prattiki tajbin u l-esperjenzi tagħhom mal-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa, filwaqt li jiżguraw li r-riformi, l-eżiti u l-innovazzjonijiet attivati mill-"Universitajiet Ewropej" ikunu kompletament aċċessibbli għal dawk li ma jipparteċipawx f'dawn l-alleanzi, filwaqt li jagħtu valur lill-esperjenzi ta' inizjattivi kollaborattivi internazzjonali oħra.
41. Jesploraw b'mod konġunt il-passi meħtieġa biex jiffaċilitaw l-ittestjar tal-użu tal-mikrokredenzjali fl-edukazzjoni għolja sabiex jgħinu jwessgħu l-opportunitajiet ta' apprendiment u biex isaħħu r-rwol tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-apprendiment tul il-ħajja.
42. Jappoġġaw lill-"Universitajiet Ewropej", filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija istituzzjonali tagħhom, biex joħolqu l-kapaċità u ambjenti xierqa għat-trawwim ta' infrastrutturi u perkorsi ta' karrieri moderni sostenibbli kif ukoll kondizzjonijiet tax-xogħol attraenti u jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ fost is-sħab kollha.

43. Joħolqu sinerġiji aktar b'saħħithom bejn id-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja taż-ŻEE, iż-ŻER u l-EHEA. L-"Universitajiet Ewropej" jistgħu jkunu strumentali għall-iżvilupp ta' pontijiet importanti mal-approċċi taġħhom ta' apprendiment u taġħlim ibbażati fuq ir-riċerka u l-isfidi.
44. Jikkunsidraw strumenti ta' finanzjament aktar sostenibbli għall-"Universitajiet Ewropej", inkluż permezz tal-isfruttar ta' sinerġiji ta' skemi reġjonali u nazzjonali ma' skemi Ewropej, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-istrateġija ambizzjuża taġħhom, li teħtieġ bidliet strutturali u istituzzjonali. Biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-inizjattiva, ser ikun meħtieġ finanzjament xieraq għal kull alleanza, inkluż għall-alleanzi diġà magħżula, filwaqt li titqies id-diversità tal-mudelli ta' kooperazzjoni u l-varjetà fis-sistemi ta' finanzjament nazzjonali u reġjonali.
45. Irawmu l-iżvilupp u l-użu ta' apprendiment, taġħlim, xjenza miftuħa u prattiki ta' edukazzjoni miftuħa innovattivi, effettivi u inklużivi, kif ukoll proċeduri amministrattivi simplifikati billi jappoġġaw lill-"Universitajiet Ewropej" fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għal infrastrutturi diġitali u għodod tal-IT.
46. Jappoġġaw lill-"Universitajiet Ewropej" biex jilħqu l-mira ambizzjuża ta' 50 % ta' studenti mobbli¹⁴, filwaqt li jiffokaw fuq skemi ta' mobilità fiżiċi, virtwali jew imħallta bbilanċjati u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, u jirrikonoxxu li l-mobbiltà fiżika hija prijorità u ma tistax tiġi sostitwita b'forom oħra ta' mobilità, li għandhom rwoli komplementari.
47. Jiżguraw li l-inizjattiva tkun ibbażata fuq l-inklużjoni u l-eċċellenza, miftuħa għat-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u għall-istudenti, l-għalliema, il-persunal u r-riċerkaturi kollha b'mod li tippromwovi l-użu ta' infrastrutturi, taġħmir u faċilitajiet komuni u kondiviżi.

¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea. (2020). Gwida għall-Programm Erasmus+. Verżjoni 3 (2020): 25/08/2020, p.132, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/sites/default/files/erasmus_programme_guide_2020_v3_mt.pdf

48. Iwettqu monitoraġġ¹⁵, fuq bażi regolari u konġunta, tas-sitwazzjoni attwali tal-41 alleanza tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, kif ukoll daww addizzjonali possibbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-"Universitajiet Ewropej" u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex jiddokumentaw ir-riżultati miksuba u l-impatt li tħalla fuq id-dimensjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka kif ukoll fuq is-soċjetà, u biex jidentifikaw ostakli, nuqqasijiet, sfidi u soluzzjonijiet possibbli, biex jiżguraw operazzjoni u implimentazzjoni bla xkiel tal-attivitajiet tranżnazzjonali tagħhom.
49. Jorganizzaw skambji kontinwi bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-"Universitajiet Ewropej" u l-grupp ta' esperti ad hoc magħmul minn esperti mill-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, sabiex jitwettaq monitoraġġ tal-progress, jiġu diskussi u indirizzati l-ostakli eżistenti għall-kooperazzjoni u sabiex jiġu żviluppati u mwettqa soluzzjonijiet.
50. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex iħaddnu trasformazzjoni kontinwa sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-missjonijiet tagħhom fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-servizz għas-soċjetà fiż-ŻEE u fiż-ŻER f'sinerġija sħiħa mal-EHEA.
51. Jappoġġaw kooperazzjoni sostenibbli bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-livell Ewropew li twettaq l-oġettivi kemm taż-ŻEE, taż-ŻER kif ukoll tal-EHEA u ssaħħa il-kompetittività tal-"Universitajiet Ewropej" fil-kuntest internazzjonali u t-tellieqa globali biex jiġi attratt u jinżamm it-talent, filwaqt li tgħinhom ukoll jibnu konnessjoni mal-ekosistemi lokali u reġjonali.
52. Jappoġġaw u jħeġġu lill-"Universitajiet Ewropej" biex iżidu l-involviment tal-istudenti u tal-persunal fl-alleanzi li huwa essenzjali għas-suċċess, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, jiġifieri billi jinkludhom fl-istrutturi ta' governanza rispettivi.

¹⁵ L-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea (DG EAC u DG RTD).

53. Fil-kuntest taż-ŻEE u b'rispett sħiħ għas-sistemi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni għolja, jiżviluppaw proposti ċari, mill-2022 'il quddiem, id f'id mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti tal-edukazzjoni għolja, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-partijiet ikkonċernati, biex, fejn meħtieġ, jgħinu jitneħħew l-ostakli għall-kooperazzjoni fil-livell Ewropew, billi jesploraw, pereżempju, il-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' lawrji Ewropej konġunti fi ħdan l-alleanzi tal- "Universitajiet Ewropej", u billi jippromwovu aktar kooperazzjoni Ewropea akbar fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHA U B'KUNSIDERAZZJONI SĦIĦA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA', BIEX:

54. Tagħti informazzjoni, sa tmiem l-2021, dwar l-eżiti ewlenin tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ewwel alleanzi, bil-ħsieb tal-iżvilupp ulterjuri tal-"Universitajiet Ewropej" u l-potenzjal sħiħ u ambizzjuż tagħhom.
55. Tappoġġa l-iżvilupp ta' "Universitajiet Ewropej" bħala "laboratorji esperimentali" għall-interoperabbiltà u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-prattiki Ewropej fl-oqsma tar-riċerka, it-tagħlim u l-iżvilupp tal-karriera tal-persunal, inkluż il-fattibbiltà ta' approċċ gradwali għal skemi konġunti ta' reklutaġġ bil-ħsieb taċ-ċirkolazzjoni effettiva tal-imħuħ u l-fluss liberu tal-għarfien madwar l-Ewropa, bil-għan li tiżdied l-attraenza tal-karrieri akkademiċi u ta' riċerka Ewropej b'kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll ir-rispett tad-differenzi fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tas-suq tax-xogħol.
56. Tħejji linji gwida dwar kif il-programmi, il-fondi u l-istrumenti finanzjarji tal-UE jistgħu, f'konformità mal-oġettivi tagħhom, jikkomplementaw l-appoġġ għall-"Universitajiet Ewropej" u tipi oħra ta' alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, b'mod simplifikat u integrat, b'baġit sod u għal perijodu definit estiż, filwaqt li jitrawmu sinerġiji relatati.

57. Iżżomm l-approċċi axxendenti, inklużivi, ibbażati fuq l-eċċellenza u ġeografikament ibbilanċjati ta'suċċess fil-programm Erasmus+ 2021-2027, bl-appoġġ ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tingħata l-opportunità lil kull tip ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, inkluż kooperazzjonijiet transfruntiera u inizjattivi kollaborattivi internazzjonali oħra, sabiex jiżviluppaw "Universitajiet Ewropej" ambizzjużi, filwaqt li jittestjaw mudelli differenti għall-kooperazzjoni u jkunu tematikament miftuħa.
58. Thegġegħ lill-"Universitajiet Ewropej" biex jagħmlu l-aħjar użu mill-politiki u l-inizjattivi li jappoġġawhom biex isiru aktar innovattivi u intraprenditorjali, bħal, pereżempju, HEInnovate u InvestEU, u tippromwovi kollaborazzjoni ma' Orizzont Ewropa, biex jiġu pprovduti sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.
59. Tappoġġa skemi ta' skambju attivi bejn l-akkademja u l-industrija, peress li l-kuntatt dirett bejniethom iġib valur miżjud u jwieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.
60. Tikkunsidra l-użu tal-pjattaformi online eżistenti biex tippromwovi u tappoġġa lill-"Universitajiet Ewropej" u biex tippermetti l-iskambji tal-aħjar prattiki u esperjenzi.
61. Tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u tinforma regolarment lill-Kunsill dwar il-progress tal-inizjattiva fil-proċess ta' kokreazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-"Universitajiet Ewropej", b'mod partikolari permezz tal-Komitat tal-Programm Erasmus+ u l-komitat tal-Programm Orizzont Ewropa inkluż il-konfigurazzjoni għat-twessieġh tal-parteċipazzjoni u għat-tisħiħ taż-ŻER, kif ukoll permezz tal-grupp ta' esperti ad hoc u l-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni.

KUNTEST POLITIKU

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Aġenda mġedda Ewropea għall-edukazzjoni għolja (20 ta' Novembru 2017)
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (14 ta' Diċembru 2017)
3. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (17 ta' Jannar 2018)
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (22 ta' Mejju 2018)
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (28 ta' Ġunju 2018)
6. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (26 ta' Novembru 2018)
7. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (7 ta' Diċembru 2018)
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030 (9 ta' April 2019)

9. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali" (7 ta' Ġunju 2019)
10. Kunsill Ewropew: Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024 (20 ta' Ġunju 2019)
11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol ewlieni tal-politiki ta' tagħlim tul il-ħajja fl-għoti tas-setgħa lis-soċjetajiet biex jindirizzaw it-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika favur tkabbir inklużiv u sostenibbli (8 ta' Novembru 2019)
12. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur (8 ta' Novembru 2019)
13. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (11 ta' Diċembru 2019)
14. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Ewropa Soċjali B'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti" (14 ta' Jannar 2020)
15. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew: niżguraw dibattiti infurmati dwar ir-riformi u l-investimenti (27 ta' Frar 2020)
16. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ (16 ta' Ġunju 2020)
17. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (1 ta' Lulju 2020)

18. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (30 ta' Settembru 2020)
19. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (30 ta' Settembru 2020)
20. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (1 ta' Ottubru 2020)
21. Il-Komunikat ta' Ruma adottat fil-Konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (19 ta' Novembru 2020)
22. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-għarfien tal-Ewropa (24 ta' Novembru 2020)
23. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 (24 ta' Novembru 2020)
24. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida (1 ta' Diċembru 2020)
25. Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (18 ta' Frar 2021)
26. [SPAZJU RIŻERVAT: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà (xx ta' Mejju 2021).]